**ANNESS I**

**KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Activyl 100 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb żgħar ħafna
Activyl 150 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb żgħar
Activyl 300 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb medji
Activyl 600 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb kbar
Activyl 900 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb kbar ħafna

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanza Attiva:**

1 ml fih 195 mg indoxacarb.
Doża waħda f'pipetta tagħti:

| | Doża waħda (ml) | Indoxacarb (mg) |
|---|---|---|
| Activyl għal klieb żgħar ħafna (1.5 – 6.5 kg) | 0.51 | 100 |
| Activyl għal klieb żgħar (6.6 – 10 kg) | 0.77 | 150 |
| Activyl għal klieb medji (10.1 – 20 kg) | 1.54 | 300 |
| Activyl għal klieb kbar (20.1 – 40 kg) | 3.08 | 600 |
| Activyl għal klieb kbar ħafna (40.1 – 60 kg) | 4.62 | 900 |

**Sustanzi mhux attivi:**

Alkoħol Isopropyl 354 mg/ml

Għal-lista sħiħa ta' ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni *spot-on.*
Soluzzjoni ċara, mingħajr kulur li tkanġi fl-isfar

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom se jintuża l-prodott

Klieb.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Trattament u prevenzjoni ta' infestazzjonijiet bil-briegħed (*Ctenocephalides felis*). L-effikaċja kontra infestazzjonijiet ġodda ta' briegħed tippersisti għal 4 ġimgħat wara applikazzjoni waħda.

Briegħed fi stadji ta' żvilupp li jkunu fl-ambjent immedjat tal-annimal imutu hekk kif jiġu f'kuntatt ma' annimali li jkunu ġew ittrattati b'Activyl.

### 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Xejn.

**4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu**

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Il-prodott m'għandux jintuża fi klieb iżgħar minn 8 ġimgħat billi s-sigurtà tal-prodott ma ġietx stabbilita f'dawn il-klieb.

Il-prodott m'għandux jintuża fi klieb li jiżnu anqas minn 1.5 kg billi s-sigurtà tal-prodott ma ġietx stabbilita f'dawn il-klieb..

Assigura li d-dożaġġ (pipetta) jikkorrispondi għall-piż tal-kelb ittrattat (ara sezzjoni 4.9).

Applika l-prodott biss fuq il-wiċċ tal-ġilda u fuq ġilda intatta. Applika d-doża f'żona fejn il-kelb ma jistax jilgħaqha, kif spjegat f'sezzjoni 4.9. Assigura li l-annimali ma jilagħqux lil xulxin immedjatament wara t-trattament. Żomm l-annimali kkurati separati sakemm il-post tal-applikazzjoni jinxef.

Dan il-prodott huwa għal applikazzjoni topikali esterna biss. Tagħtix oralment jew permezz ta' kwalunkwe rotta oħra.
Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi evitat li l-prodott jiġi f'kuntatt mal-għajnejn tal-kelb.

Il-prodott jibqa' attiv wara trattament b'xampu, dħul fl-ilma (għawm u ħasil) u meta espost għad-dawl tax-xemx.
Madankollu, l-annimali m'għandhomx jitħallew jgħumu jew jiġu ttrattati b'xampu sa 48 siegħa wara t-trattament.

Il-klieb kollha fil-dar għandhom jiġu trattati bi prodott xieraq għall-briegħed.

Trattament xieraq tal-ambjent tal-annimal b'miżuri kimiċi jew fiżiċi addizzjonali huwa rakkomandat.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Żomm il-pipetti fil-pakkett oriġinali sakemm ikunu lesti għall-użu.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li qed tuża l-prodott mediċinali veterinarju.

L-istrixxa hija reżistenti għat-tfal. Biex tevita li tfal ikollhom aċċess dirett għall-prodott ħallih fl-istrixxa sakemm tkun se tużah. Pipetti użati għandhom jintremew immedjatament.

Persuni li jafu li huma ipersensittivi għall-indoxacarb għandhom jevitaw il-kuntatt ma' dan il-prodott.

Reazzjonijiet lokali u/jew sistemiċi ġew osservati f'xi nies wara l-espożizzjoni. Biex jiġu evitati reazzjonijiet mhux mixtieqa:

- amministra l-prodott f'żona b'ventilazzjoni tajba;
- annimali ttrattati riċentement m'għandhomx jintmissu sakemm iż-żona tal-applikazzjoni tkun niexfa;
- fil-jum tat-trattament, it-tfal m'għandhomx imissu annimali trattati u l-annimali m'għandhomx jitħallew jorqdu mal-proprjetarji tagħhom, speċjalment tfal; aħsel idejk fil-pront wara l-użu u aħsel immedjatament bis-sapun u ilma xi prodott li ġie f'kuntatt mal-ġilda;
- billi l-prodott jista' jikkawża irritazzjoni moderata fl-għajnejn, evita l-kuntatt mal-għajnejn. Jekk dan iseħħ, laħlaħ bil-mod bl-ilma.

Jekk ikun hemm sintomi, fittex parir mediku u uri l-fuljett ta' tagħrif lit-tabib.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Dan il-prodott jieħu n-nar malajr. Żomm il-bogħod mis-sħana, xrar tan-nar, fjammi jew affarijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar.

### 4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)

F'każijiet rari ħafna, ikun hemm perjodu qasir ta' produzzjoni eċċessiva ta' bżieq jekk l-annimal jilgħaq iż-żona fejn ġie applikat il-prodott immedjatament wara t-trattament. Dan mhuwiex sinjal ta' avvelenament u jisparixxi fi ftit minuti mingħajr il-bżonn ta' kura. Applikazzjoni korretta (ara sezzjoni 4.9) tnaqqas iċ-ċans li l-annimal jilgħaq iż-żona tal-applikazzjoni.
F'każijiet rari ħafna jistgħu jseħħu reazzjonijiet fiż-żona tal-applikazzjoni bħal ħakk li jgħaddi, eritema, alopexja jew dermatite. Normalment dawn l-effetti jgħaddu weħidhom mingħajr il-bżonn ta' kura.

L-applikazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju tista' tagħti dehra żejtnija temporanja u lokalizzata u l-pil isir iwaħħal fiż-żona tal-applikazzjoni. Tista' titfaċċa lega niexfa ta' trab abjad. Din hija ħaġa normali u titlaq fi ftit tal-ġranet wara li jiġi applikat il-prodott. Dawn il-bidliet ma jaffettwawx is-sigurtà jew l-effett tal-prodott veterinarju.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

### 4.7 Użu fit-tqala, fi żmien il-ħalib u fi żmien il-bajd

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddigħ.

Tqala:
Tużax waqt it-tqala.

Treddigħ:
Tużax waqt it-treddigħ.

Fertilità:
Tużax f'annimali fi żmien it-tgħammir.

### 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

Xejn li hu magħruf

Fi studju kliniċi, Activyl ġie amministrat flimkien ma' kullari tad-deltamethrin b'saħħa sa 4% deltamethrin mingħajr evidenza ta' effetti mhux mixtieqa assoċjati.

### 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Skeda tad-dożaġġ:

Id-doża rakkomandata hija ta' 15 mg indoxacarb/kg piż tal-ġisem, ekwivalenti għal 0.077 ml/kg piż tal-ġisem. It-tabella li ġejja turi d-daqs ta' pipetta li għandha tintuża skont il-piż tal-kelb:

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

| Piż tal-kelb (kg) | Daqs tal-pipetta li għandha tintuża | Volum (ml) | Indoxacarb (mg/kg) |
|---|---|---|---|
| 1.5 - 6.5 | Klieb żgħar ħafna | 0.51 | Minimu ta' 15 |
| 6.6 - 10 | Klieb żgħar | 0.77 | 15 - 23 |
| 10.1 - 20 | Klieb medji | 1.54 | 15 - 30 |
| 20.1 - 40 | Klieb kbar | 3.08 | 15 - 30 |
| 40.1 - 60 | Klieb kbar ħafna | 4.62 | 15 - 23 |
| > 60 | Għandha tintuża taħlita xierqa ta' tubi | | |

Metodu ta' applikazzjoni:

Użu bħala *spot-on*. Għal applikazzjoni biss fuq il-ġilda tal-kelb.

Iftaħ strixxa waħda u oħroġ il-pipetta.

**L-ewwel**: Il-kelb għandu jkun bilwieqfa biex l-applikazzjoni tkun aktar faċli. Żomm il-pipetta wieqfa l-bogħod minn wiċċek. Aqsam il-ponta billi tgħawwiġha u titwiha fuqha stess.

**It-tieni**: Ofroq il-pil sakemm tidher il-ġilda. Qiegħed il-ponta tal-pipetta tmiss mal-ġilda bejn l-għadam tal-ispalel fil-klieb. Agħfas il-pipetta bis-saħħa u applika l-kontenut kollu direttament fuq il-ġilda.



Fi klieb akbar, il-kontenut kollu tal-pipetta(i) għandu jiġi applikat f'2-4 żoni tul id-dahar mill-ispalel sal-bażi tad-denb. Tapplikax ammont kbir ta' soluzzjoni f'post wieħed biex tevita li l-prodott iċarċar.



Skeda ta' trattament:

Wara amministrazzjoni waħda, il-prodott mediċinali veterinarju jippreveni infestazzjonijiet oħra tal-briegħed għal 4 ġimgħat.

### 4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn

Ma dehrux effetti mhux mixtieqa fi klieb u qtates ta' età ta' 8 ġimgħat jew aktar meta ġew amministrati doża ħames darbiet ogħla minn dik rakkomandata għal 8 darbiet f'intervalli ta' 4 ġimgħat

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

jew amministrati doża ħames darbiet ogħla minn dik rakkomandata għal 6 darbiet f'intervalli ta' ġimagħtejn.

### 4.11 Perjodu ta' tiżmim

Mhux applikabbli

## 5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI

Grupp Farmako-terapewtiku: Ektoparassitiċida għall-użu topikali, inkl. insettiċidi: indoxacarb
Kodiċi ATC veterinarja: QP53AX27

### 5.1 Kwalitajiet Farmakodinamiċi

Indoxacarb huwa ektoparassitiċida tal-familja kimika tal-oxadiazine. Wara li jinbidel f'metabolit, indoxacarb huwa attiv kontra l-istadji adulti, il-larvi u l-bajd tal-insetti. Fil-brieghed, barra l-attività kontra l-adulti, ġie muri li indoxacarb għandu attività fuq l-istadji taż-żvilupp tal-larvi li jkunu fl-ambjent immedjat ta' annimali ttrattati.

Indoxacarb huwa *prodrug* li għandu bżonn ta' bijoattivazzjoni b'enzimi tal-insett biex jeżerċita l-effetti farmakodinamiċi tiegħu. Huwa jidħol fl-insett primarjament billi jittiekel imma jiġi wkoll assorbit, f'livelli anqas, mill-qoxra tal-insett. Fil-musrana tan-nofs ta' speċji ta' insetti li huma suxxettibbli, l-enżimi tal-insett ineħħu l-carbomethoxy group mill-indoxacarb ewlieni u jibdluh fil-forma bijoloġikalment attiva. Il-metabolit bijoattiv jiħdem bħala antagonist fl-insetti tal-kanali tas-sodju li huma dipendenti fuq il-vultaġġ billi jimblokka l-kanali li jirregolaw il-moviment tal-ijoni tas-sodju fis-sistema nervuża tal-insett. Dan iwassal għal waqfien mill-ikel minn 0 sa 4 sigħat wara t-trattament segwit minn twaqqif ta' tqegħid ta' bajd (oviposition), paraliżi u mewt li sseħħ bejn 4 u 48 siegħa wara.

### 5.2 Tagħrif Farmakokinetiċi

Wara applikazzjoni *spot-on* waħda tal-prodott, indoxacarb jista' jinstab kemm fil-ġilda kif ukoll fil-pil 4 ġimgħat wara t-trattament. Assorbiment mill-ġilda jseħħ ukoll, imma dan l-assorbiment sistemiku huwa parzjali u mhux rilevanti għall-effett kliniku. L-indoxacarb li jiġi assorbit jiġi metabolizzat b'mod estensiv fil-fwied f'numru ta' metaboliti. Ir-rotta prinċipali ta' eliminazzjoni hija mill-ippurgar.

**Propjetajiet ambjentali**

Ara sezzjoni 6.6.

## 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

### 6.1 Lista ta' ingredjenti

Triacetin
Ethyl acetoacetate
alkoħol Isopropyl

### 6.2 Inkompatibilitajiet

M'hemm xejn magħruf

### 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ppakkjat għall-bejgħ: erba' snin.

### 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn l-ebda kundizzjoni ta' temperatura speċjali għall-ħażna.
Aħżen il-pipetti fil-pakkett oriġinali sabiex ikunu protetti mill-umdità.

### 6.5 In-natura u l-għamla tal-ewwel ippakkjar

Kaxxa tal-kartun b'qartas 1, 4 jew 6: kull qartas fih pipetta b'doża waħda. Pipetta b'doża waħda fiha 0.51 ml, 0.77 ml, 1.54 ml, 3.08 ml jew 4.62 ml ta' soluzzjoni *spot-on*. F'kull kaxxa hemm daqs wieħed biss ta' pipetti b'doża waħda.
Il-pipetta tikkonsisti f'qoxra (polypropylene/cyclic-olefin-copolymer/polypropylene) u tapp tal-folja (aluminium/polypropylene co-extruded) issiġillati fi qratas tal-aluminju.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż.

Activyl m'għandux imur man-nixxigħat tal-ilma minħabba li indoxacarb jista' jkun ta' periklu għall-ħut jew ħlejqiet oħra akkwatici.

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Intervet International BV
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
In-Netherlands

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/10/118/001-010
EU/2/10/118/015-019

## 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 18/02/2011.
Data tal-aħħar tiġdid: 07/01/2016.

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) http://www.ema.europa.eu/.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Activyl 100 mg soluzzjoni *spot-on* għal qtates żgħar
Activyl 200 mg soluzzjoni *spot-on* għal qtates kbar

## 2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

**Sustanza Attiva:**

1 ml fih 195 mg indoxacarb.
Doża waħda f'pipetta tagħti:

| | Doża waħda (ml) | Indoxacarb (mg) |
|---|---|---|
| Activyl għal qtates żgħar (≤ 4 kg) | 0.51 | 100 |
| Activyl għal qtates kbar (> 4 kg) | 1.03 | 200 |

**Sustanzi mhux attivi:**

Alkoħol Isopropyl 354 mg/ml.

Għal-lista sħiħa ta' ingredjenti (mhux attivi), ara s-sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni *spot-on.*
Soluzzjoni ċara, mingħajr kulur li jkanġi fl-isfar.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Qtates.

### 4.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Trattament u prevenzjoni ta' infestazzjonijiet bil-briegħed (*Ctenocephalides felis)*. L-effikaċja kontra infestazzjonijiet ġodda bil-briegħed tippersisti għal 4 ġimgħat wara applikazzjoni waħda.

Il-prodott mediċinali veterinarju jista' jintuża bħala parti minn strateġija tat-trattament għall-kontroll tad-dermatite allerġika mill-briegħed (FAD).

Briegħed fi stadji ta' żvilupp li jkunu fl-ambjent immedjat tal-annimal imutu hekk kif jiġu f'kuntatt ma' annimali li jkunu ġew ittrattati b'Activyl.

### 4.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn

### 4.4 Twissijiet speċjali għal kull speċi li għaliha hu indikat il-prodott

Is-sigurtà tal-prodott ma ġietx stabbilita fi qtates ta' età iżgħar minn 8 ġimgħat.
Is-sigurtà tal-prodott ma ġietx stabbilita fi qtates li jiżnu anqas minn 0.6 kg.

### 4.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu fl-annimali

Assigura li d-dożaġġ (pipetta) jikkorrispondi għall-piż tal-qattus ittrattat (ara sezzjoni 4.9).

Applika l-prodott biss fuq il-wiċċ tal-ġilda u fuq ġilda intatta. Applika f'żona fejn il-qattus ma jistax jilgħaqha, kif spjegat f'sezzjoni 4.9. Assigura li l-annimali ma jilagħqux lil xulxin immedjatament wara t-trattament.
Żomm l-annimali kkurati separati sakemm il-post tal-applikazzjoni jinxef.

Dan il-prodott huwa għal applikazzjoni topikali esterna biss. Tagħtix oralment jew permezz ta' kwalunkwe rotta oħra.
Għandha tingħata attenzjoni biex jiġi evitat li il-prodott jiġi f'kuntatt mal-għajnejn tal-qattus.

Il-prodott jibqa' attiv wara trattament b'xampu, dħul fl-ilma (għawm u ħasil) u wkoll wara espost għad-dawl tax-xemx.
Madankollu, l-annimali m'għandhomx jitħallew jgħumu jew jiġu ttrattati b'xampu sa 48 siegħa wara t-trattament.

Il-qtates kollha fi dar għandhom jiġu trattati bi prodott xieraq għall-briegħed.

Trattament xieraq tal-ambjent tal-annimal b'miżuri kimiċi jew fiżiċi addizzjonali huwa rakkomandat.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

Żomm il-pipetti fil-pakkett oriġinali sakemm ikunu lesti għall-użu.

Tikolx, tixrobx u tpejjipx waqt li qed tuża l-prodott mediċinali veterinarju.

L-istrixxa hija reżistenti għat-tfal. Biex tevita li tfal ikollhom aċċess dirett għall-prodott ħallih fl-istrixxa sakemm tkun se tużah. Pipetti użati għandhom jintremew immedjatament.

Persuni li jafu li huma ipersensittivi għall-indoxacarb għandhom jevitaw il-kuntatt ma' dan il-prodott.

Reazzjonijiet lokali u/jew sistemiċi ġew osservati f'xi nies wara l-espożizzjoni. Biex jiġu evitati reazzjonijiet mhux mixtieqa:

- amministra l-prodott f'żona b'ventilazzjoni tajba;
- annimali ttrattati riċentement m'għandhomx jintmissu sakemm iż-żona tal-applikazzjoni tkun niexfa;
- fil-jum tat-trattament, it-tfal m'għandhomx imissu annimali trattati u l-annimali m'għandhomx jitħallew jorqdu mal-proprjetarji tagħhom, speċjalment tfal;
- aħsel idejk fil-pront wara l-użu u aħsel immedjatament bis-sapun u ilma xi prodott li ġie f'kuntatt mal-ġilda;
- billi l-prodott jista' jikkawża irritazzjoni moderata fl-għajnejn, evita l-kuntatt mal-għajnejn. Jekk dan iseħħ, laħlaħ bil-mod bl-ilma.

Jekk ikun hemm sintomi, fittex parir mediku u uri l-fuljett ta' tagħrif lit-tabib.

Dan il-prodott jieħu n-nar malajr. Żomm il-bogħod mis-sħana, xrar tan-nar, fjammi jew affarijiet oħra li jistgħu jqabbdu n-nar.

**4.6 Effetti mhux mixtieqa (frekwenza u gravità)**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

F'każijiet rari, ġew osservati sinjali newroloġiċi (eż. sko-ordinazzjoni, rogħda, atassja, eċċessjonijiet, midrijasi u vista mfixkla). Sinjali oħra osservati jinkludu remettar f'każijiet rari jew anoressija, telqa, iperattività u vokalizazzjoni f'każijiet rari ħafna. Ġeneralment is-sinjali kollha huma riversibbli wara trattament ta' support.
F'każijiet rari ħafna, ikun hemm perjodu qasir ta' produzzjoni eċċessiva ta' bżieq jekk l-annimal jilgħaq iż-żona fejn ġie applikat il-prodott immedjatament wara t-trattament. Dan mhuwiex sinjal ta' avvelenament u jisparixxi fi ftit minuti mingħajr il-bżonn ta' kura. Applikazzjoni korretta (ara sezzjoni 4.9) tnaqqas iċ-ċans li l-annimal jilgħaq iż-żona tal-applikazzjoni.
F'każijiet rari jistgħu iseħħu reazzjonijiet fiż-żona tal-applikazzjoni bħal ħakk li jgħaddi, eritema, alopexja jew dermatite. Normalment dawn l-effetti jgħaddu weħidhom mingħajr il-bżonn ta' kura.

L-applikazzjoni tal-prodott mediċinali veterinarju tista' tagħti dehra żejtnija temporanja u lokalizzata u l-pil isir iwaħħal fiż-żona tal-applikazzjoni. Tista' titfaċċa lega niexfa ta' trab abjad. Din hija ħaġa normali u titlaq fi ftit tal-ġranet wara li jiġi applikat il-prodott. Dawn il-bidliet ma jaffettwawx is-sigurtà jew l-effett tal-prodott veterinarju.

Il-frekwenza ta' effetti mhux mixtieqa hija definita skont din il-konvenzjoni:
- komuni ħafna (aktar minn wieħed f'10 annimali li juru effetti mhux mixtieqa matul il-perjodu ta' kura waħda)
- komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn 10 annimali f'100 annimal)
- mhux komuni (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'1,000 annimal)
- rari (aktar minn wieħed iżda inqas minn10 annimali f'10,000 annimal)
- rari ħafna (inqas minn annimal wieħed f'10,000 annimal, inklużi rapporti iżolati).

### 4.7 Użu fit-tqala, fi żmien il-ħalib u fi żmien il-bajd

Is-sigurtà tal-prodott mediċinali veterinarju ma ġietx stabbilita waqt it-tqala u fit-treddigħ.

Tqala:
Tużax waqt it-tqala.

Treddigħ:
Tużax waqt it-treddigħ.

Fertilità:
Tużax f'annimali fi żmien it-tgħammir.

### 4.8 Effetti fuq prodotti mediċinali oħra jew effetti oħra

Xejn li hu magħruf.

### 4.9 Doża rakkomandata u l-metodu ta' amministrazzjoni

Skeda tad-dożaġġ:

Id-doża rakkomandata hija ta' 25 mg indoxacarb/kg piż tal-ġisem, ekwivalenti għal 0.128 ml/kg piż tal-ġisem. It-tabella li ġejja turi d-daqs ta' pipetta li għandha tintuża skont il-piż tal-qattus:

| Piż tal-qattus (kg) | Daqs tal-pipetta li għandha tintuża | Volum (ml) | Indoxacarb (mg/kg) |
|---|---|---|---|
| ≤ 4 | Qtates żgħar | 0.51 | Minimu ta' 25 |
| > 4 | Qtates kbar | 1.03 | Massimu ta' 50 |

Metodu ta' applikazzjoni:

Użu bħala *spot-on*. Għal applikazzjoni biss fuq il-ġilda tal-qattus.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Iftaħ strixxa waħda u oħroġ il-pipetta.

**L-ewwel**: Il-qattus għandu jkun bilwieqfa biex l-applikazzjoni tkun aktar faċli. Żomm il-pipetta wieqfa l-bogħod minn wiċċek. Aqsam il-ponta billi tgħawwiġha u titwiha fuqha stess.

**It-tieni**: Ofroq il-pil sakemm tidher il-ġilda. Qiegħed il-ponta tal-pipetta tmiss mal-ġilda fil-bażi tar-ras fejn il-qattus ma jistax jilagħqu.
Agħfas il-pipetta bis-saħħa u applika l-kontenut kollu direttament fuq il-ġilda.



<u>Skeda ta' trattament</u>**:**

Wara amministrazzjoni waħda, il-prodott mediċinali veterinarju jippreveni infestazzjonijiet oħra tal-briegħed għal 4 ġimgħat.

**4.10 Doża eċċessiva (sintomi, proċeduri ta' emerġenza, antidoti) jekk ikun hemm bżonn**

Ma dehrux effetti mhux mixtieqa ta' età ta' 8 ġimgħat jew aktar meta ġew amministrati doża ħames darbiet ogħla minn dik rakkomandata għal 8 darbiet f'intervalli ta' 4 ġimgħat jew amministrati doża ħames darbiet ogħla minn dik rakkomandata għal 6 darbiet f'intervalli ta' ġimgħatejn.

**4.11 Perjodu ta' tiżmim**

Mhux applikabbli

**5. KWALITAJIET FARMAKOLOĠIĊI**

Grupp Farmako-terapewtiku: Ektoparassitiċida għall-użu topikali, inkl. insettiċidi: indoxacarb
Kodiċi ATC veterinarja: QP53AX27

**5.1 Kwalitajiet Farmakodinamiċi**

Indoxacarb huwa ektoparassitiċida tal-familja kimika tal-oxadiazine. Wara li jinbidel f'metabolit, indoxacarb huwa attiv kontra l-istadji adulti, il-larvi u l-bajd tal-insetti. Fil-briegħed, barra l-attività kontra l-adulti, ġie muri li indoxacarb għandu attività fuq l-istadji taż-żvilupp tal-larvi li jkunu fl-ambjent immedjat ta' annimali ttrattati.

Indoxacarb huwa *prodrug* li għandu bżonn ta' bijoattivazzjoni b'enżimi tal-insett biex jeżerċita l-effetti farmakodinamiċi tiegħu. Huwa jidħol fl-insett primarjament billi jittiekel imma jiġi wkoll assorbit, f'livelli anqas, mill-qoxra tal-insett. Fil-musrana tan-nofs ta' speċji ta' insetti li huma suxxettibbli, l-enżimi tal-insett ineħħu l-carbomethoxy group mill-indoxacarb ewlieni u jibdluh fil-forma bijoloġikalment attiva. Il-metabolit bijoattiv jaħdem bħala antagonist fl-insetti tal-kanali tas-sodju li huma dipendenti fuq il-vultaġġ billi jimblokka il-kanali li jirregolaw il-moviment tal-ijoni tas-sodju fis-sistema nervuża tal-insett. Dan iwassal għal waqfien mill-ikel minn 0 sa 4 sigħat wara t-

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

trattament segwit minn twaqqif ta' tqegħid ta' bajd (oviposition), paraliżi u mewt li sseħħ bejn 4 u 48 siegħa wara.

## 5.2 Tagħrif Farmakokinetiċi

Wara applikazzjoni *spot-on* waħda tal-prodott, indoxacarb jista' jinstab kemm fil-ġilda kif ukoll fil-pil 4 ġimgħat wara t-trattament. Assorbiment mill-ġilda jseħħ ukoll, imma dan l-assorbiment sistemiku huwa parzjali u mhux rilevanti għall-effett kliniku. L-indoxacarb li jiġi assorbit jiġi metabolizzat b'mod estensiv fil-fwied f'numru ta' metaboliti. Ir-rotta prinċipali ta' eliminazzjoni hija mill-ippurgar.

**Propjetajiet ambjentali**

Ara sezzjoni 6.6.

# 6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU

## 6.1 Lista ta' ingredjenti

Triacetin
Ethyl acetoacetate
alkoħol Isopropyl

## 6.2 Inkompatibilitajiet

M'hemm xejn magħruf

## 6.3 Żmien ta' kemm il-prodott idum tajjeb

Żmien li l-prodott mediċinali veterinarju jista' jinżamm fuq l-ixkaffa ppakkjat għall-bejgħ: erba' snin.

## 6.4 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Dan il-prodott mediċinali veterinarju m'għandu bżonn l-ebda kundizzjoni ta' temperatura speċjali għall-ħażna.
Aħżen il-pipetti fil-pakkett oriġinali sabiex ikunu protetti mill-umdità.

## 6.5 In-natura u l-għamla tal-ewwel ippakkjar

Kaxxa tal-kartun b'qartas wieħed, 4 jew 6: kull qartas fih pipetta b'doża waħda. Pipetta b'doża waħda fiha 0.51 ml jew 1.03 ml ta' soluzzjoni spot-on. F'kull kaxxa hemm daqs wieħed biss ta' pipetti b'doża waħda.

Il-pipetti tikkonsisti f'qoxra (polypropylene/cyclic-olefin-copolymer/polypropylene) u tapp tal-folja (aluminium/polypropylene co-extruded) issiġillati fi qratas tal-aluminju.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

## 6.6 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediċinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju għandhom jintremew skont kif jitolbu r-regolamenti tal-pajjiż. Activyl m'għandux imur man-nixxigħat tal-ilma minħabba li indoxacarb jista' jkun ta' periklu għall-ħut jew ħlejqiet oħra akkwatici.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 7. L-ENTITÀ LI GĦANDHA L-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Intervet International BV
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
In-Netherlands

## 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/2/10/118/011-014
EU/2/10/118/020-021

## 9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI / TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 18/02/2011.
Data tal-aħħar tiġdid: 07/01/2016.

## 10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA DIN IL-KITBA

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fuq il-websajt tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (EMA) http://www.ema.europa.eu/.

**PROJBIZZJONI TA' BEJGĦ, PROVISTA, U/JEW UŻU**

Mhux Applikabbli.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**ANNESS II**

**A. MANIFATTUR RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

**B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-PROVISTA JEW L-UŻU**

**C. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## A. MANIFATTUR RESPONSABBLI MILL-ĦRUĠ TAL-LOTT

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli mill-ħruġ tal-lott.

Intervet Productions S.A.
Rue de Lyons
27460 Igoville
Franza

## B. KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU

Għall-klieb: Prodott mediċinali veterinarju li m'għandux bżonn riċetta.
Għall-qtates: Prodott mediċinali veterinarju li għandu bżonn riċetta.

## C. DIKJARAZZJONI TAL-MRLs

Mhux applikabbli.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**ANNESS III**

**TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF FIL-PAKETT**

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**A. TIKKETTA**

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KAXXA TAL-KARTUN**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Activyl 100 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb żgħar ħafna (1.5 - 6.5 kg)
Activyl 150 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb żgħar (6.6 - 10 kg)
Activyl 300 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb medji (10.1 - 20 kg)
Activyl 600 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb kbar (20.1 - 40 kg)
Activyl 900 mg soluzzjoni *spot-on* għal klieb kbar ħafna (40.1 - 60 kg)

indoxacarb

## 2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZI ATTIVI

Indoxacarb 100 mg
Indoxacarb 150 mg
Indoxacarb 300 mg
Indoxacarb 600 mg
Indoxacarb 900 mg

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Soluzzjoni *spot-on*

## 4. DAQS TAL-PAKKETT

Pipetta waħda
4 pipetti
6 pipetti

## 5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb 1.5 – 6.5 kg
Klieb 6.6 – 10 kg
Klieb 10.1 – 20 kg
Klieb 20.1 – 40 kg
Klieb 40.1 – 60 kg

## 6. INDIKAZZJONI(JIET)

Trattament u prevenzjoni ta' infestazzjonijiet bil-brieghed.



## 7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI

Għal użu bħala *spot-on*
Aqra l-fuljett ta' tagħrif li jinsab fil-pakkett qabel tuża.

## 8. ŻMIEN TA' TIŻMIM

## 9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ

Aqra l-fuljett ta' tagħrif fil-pakkett qabel tuża.
Żomm il-pipetti fil-pakkett oriġinali sakemm ikunu lesti għall-użu.

## 10. DATA TA' SKADENZA

JISKADI {xahar / sena}

## 11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex ikun protett mill-umdità.

## 12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.
Il-prodott veterinarju ma għandux jintrema man-nixxigħat tal-ilma.

## 13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU, jekk applikabbli

Għal trattament tal-annimali biss.

## 14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

## 15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

Intervet International BV
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
In-Netherlands

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

## 16. NUMRU/I TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ

EU/02/10/118/001
EU/02/10/118/002
EU/02/10/118/003
EU/02/10/118/004
EU/02/10/118/005
EU/02/10/118/006
EU/02/10/118/007
EU/02/10/118/008
EU/02/10/118/009
EU/02/10/118/010
EU/02/10/118/015
EU/02/10/118/016
EU/02/10/118/017
EU/02/10/118/018
EU/02/10/118/019

## 17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR

Lott {numru}

Prodott medicinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**KAXXA TAL-KARTUN**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Activyl 100 mg soluzzjoni *spot-on* għal qtates żgħar (≤ 4 kg)
Activyl 200 mg soluzzjoni *spot-on* għal qtates kbar (> 4 kg)

indoxacarb

**2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZI ATTIVI**

Indoxacarb 100 mg
Indoxacarb 200 mg

**3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA**

Soluzzjoni *spot-on*

**4. DAQS TAL-PAKKETT**

Pipetta waħda
4 pipetti
6 pipetti

**5. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT**

Qtates ≤ 4 kg
Qtates > 4 kg

**6. INDIKAZZJONI(JIET)**

**7. METODU U MOD(I) TA' AMMINISTRAZZJONI**

Għal użu bħala *spot-on*.
Applika biss topikalment fuq il-ġilda fil-bażi tar-ras.
Aqra l-fuljett ta' tagħrif qabel l-użu.

**8. ŻMIEN TA' TIŻMIM**

**9. TWISSIJIET SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠ**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Aqra l-fuljett ta' tagħrif fil-pakkett qabel tuża.
Żomm il-pipetti fil-pakkett oriġinali sakemm ikunu lesti għall-użu.

**10. DATA TA' SKADENZA**

JISKADI {xahar / sena}

**11. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN**

Aħżen fil-pakkett oriġinali sabiex ikun protett mill-umdità.

**12. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI DWAR IR-RIMI TA' PRODOTTI MHUX UŻATI JEW MATERJAL IEĦOR GĦAR-RIMI, JEKK IKUN IL-KAŻ**

Rimi: aqra l-fuljett ta' tagħrif.
Il-prodott veterinarju ma għandux jitħalla jmur man-nixxigħat tal-ilma.

**13. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS" U KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET DWAR IL-PROVISTA JEW L-UŻU, jekk applikabbli**

Għal trattament tal-annimali biss.Għandu jingħata biss bi preskrizzjoni veterinarja.

**14. IL-KLIEM "ŻOMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL"**

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

**15. L-ISEM U L-INDIRIZZ TAS-SID TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

Intervet International BV
Wim de Körverstraat 35
5831 AN Boxmeer
In-Netherlands

**16. NUMRU TAL-AWTORIZZAZZJONI TAL-KUMMERĊ**

EU/02/10/118/011
EU/02/10/118/012
EU/02/10/118/013
EU/02/10/118/014
EU/02/10/118/020
EU/02/10/118/021

**17. NUMRU TAL-LOTT TAL-MANIFATTUR**

Lott {numru}

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI TA' PAKKETTI ŻGĦAR**

**QARTAS**

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Activyl 100 mg *spot-on* għal klieb żgħar ħafna
Activyl 150 mg *spot-on* għal klieb żgħar
Activyl 300 mg *spot-on* għal klieb medji
Activyl 600 mg *spot-on* għal klieb kbar
Activyl 900 mg *spot-on* għal klieb kbar ħafna

indoxacarb

## 2. KWANTITÀ TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA(I)

100 mg
150 mg
300 mg
600 mg
900 mg

## 3. KONTENUT BĦALA PIŻ, VOLUM JEW NUMRU TA' DOŻI

## 4. MOD TA'' AMMINISTRAZZJONI

Użu bħala *spot-on*

## 5. ŻMIEN TA' TIŻMIM

## 6. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

## 7. DATA TA' SKADENZA

JIS {xahar/sena}

## 8. IL-KLIEM "GĦAL TRATTAMENT TAL-ANNIMALI BISS"

Għal trattament tal-annimali biss.

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ L-IPPAKKJAR EWLIENI TA’ PAKKETTI ŻGĦAR**

**QARTAS**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU**

Activyl 100 mg *spot-on* għal qtates żgħar
